MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 165/2010

**John Farrugia fil-kapacita' tieghu ta' Vici President (ID 499868) u Maria Grixti (ID 436758M) fil-kapacita' taghha ta' Segretarja ghan-nom u in rapprezentanza tas-Sirens Aquatic Sports Club**

**vs**

**Gauci Rosaria sive Lucy**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi fejn gie premess:

Illi bis-sahha ta' kuntratt ta' lokazzjoni iffirmat bejn il-kontendenti fis-17 ta' April 2009, kopja hawn annessa

bhala Dok A, ir-rikorrenti ikkoncedew u ttrasferew b'titolu ta' lokazzjoni lill-intimata li bl-istess titolu ta' lokazzjoni akkwistat il-Bar u Restaurant formanti parti mis-Sirens Aquatic Sports Club, Xatt il-Lanca, San Pawl il-Bahar, u dana versu l-kera hemm imsemmija, li kellha tigi imhallsa skond il-modalita' specifikata fl-iskeda annessa mal-istess kuntratt.

Illi permezz ta' ittra registrata datata fid-29 ta' Settembru 2009 (Dok B), l-intimata giet interpellata sabiex thallas l-arretrati ta' kera u hlasijiet ohra minnha dovuti ai termini tal-imsemmi kuntratt.

Illi stante li l-konvenuta baqghet inadempjenti, minkejja li giet debitament notifikata bl-imsemmija ittra, fit-23 ta' Dicembru 2009 giet mibghuta ittra registrata ohra, debitament notifikata lilha, li fiha giet infurmata li l-kirja kienet qieghdha tigi terminata, u dana ai termini tal-artikolu 22 tal-imsemmi kuntratt.

Illi sallum il-konvenuta ghadha ma rritornatx il-pussess battal tal-fond, u ghalhekk hija ghandha thallas penali ta' erba' mitt Euro (€400) ghal kull gurnata ta' ritard, u dana kif stipulat fl-artikolu 22 tal-imsemmi kuntratt.

Illi huma dovuti l-penali li iddekorrew kontra l-konvenuta bejn il-15 ta' Jannar 2010 u t-22 ta' Frar 2010 ammontanti ghal hmistax-il elf u sitt mitt euro (€15600)

Illi l-penali li iddekorrew sal-14 ta' Jannar 2010 jiffurmaw il-mertu ta' proceduri gudizzjarji separati li gew intavolati kontra l-konvenuta.

Illi fil-fehma tal-esponenti l-konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjonijiet x' taghti ghat-talba ghall-hlas, u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-atturi ghalhekk qed jitolbu li l-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti in vista tal-premess u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et. seq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tordna u tikkundanna lill-

intimata sabiex thallas lir-rikorrenti is-somma kumplessiva ta’ hmistax-il elf u sitt mitt euro (€15600) rapprezentanti il-penali li ddekkorrew ghaf-favur l-esponenti bejn il-15 ta’ Jannar 2010 sat-22 ta’ Frar 2010, u dana a tenur tal-artikolu 22 tal-kuntratt ta’ lokazzjoni iffirmat bejn il-kontendenti fis-17 ta’ April 2009.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni, u bl-imghax millum. B’ rizerva ta’ penali ulterjuri li ser jakkumulaw ghaf-favur ir-rikorrenti sad-data li fiha l-intimata tirritorna l-pussess vakanti tal-fond.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata naqset li tidher u li tippresenta n-nota ta’ eccezzjomnijiet taghha.

Semghet ix-xhud prodottt mir-rikorrenti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti prodotti.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet tal-atturi jirrizultaw giustifikati.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet tal-atturi u tikkundanna lill-konvenuta thallas lll-atturi s-somma kumplessiva ta’ hmistax-il elf u sitt mitt euro (€15600) rapprezentanti il-penali li ddekkorriet a favur tal-atturi bejn il-15 ta’ Jannar 2010 u t-22 ta’ Frar 2010, u dana a tenur tal-artikolu 22 tal-kuntratt ta’ lokazzjoni iffirmat bejn il-kontendenti fis-17 ta’ April 2009.

Spejjez kollha kontra l-konvenuta u b’rizerva ta’ penali ulterjuri li ser jakkumulaw ghaf-favur tal-atturi sad-data li fiha l-konvenuta tirritorna l-pussess vakanti tal-fond.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------